Fil-Prim'Awla tal-Qorti Civili

**Imhallef : Onor. Gino Camilleri LL.D.**

**Seduta tat-3 ta' Awissu 2001**

**Fl-Atti tal-Mandat ta' Sekwestru numru 1246/01 fl-ismijiet:**

**L-Avukat Dottor Tonio Fenech nomine et**

**vs**

**L-Avukat Dottor Patrick Spiteri propio et nomine et**

Il-Qorti

Rat ir-rikors ta' l-Avukat Stephen Muscat bhala mandatarju specjali ta' l-assenti l-intimati Avukat Dottor Godwin Muscat Azzopardi u Marian Muscat Azzopardi fejn gie premess :

Illi r-rikorrenti talbu u ottjenew il-hrug tal-mandat ta' sekwestru surreferit kontra l-esponenti;

Illi l-esponenti Marian Muscat Azzopardi ma ghandha ebda konnessjoni mal-materja in kwestjoni u kwalunkwe azzjoni fil-konfront taghha saret b'mod mhux etiku u addiritura malizzjuz;

Illi l-esponent Godwin Muscat Azzopardi qatt ma kien b'xi mod involut fi transazzjonijiet konnessi mar-rikorrent, la jaf fejn kienu flusu, la jaf kif u fejn gew trasferiti flusu u lanqas qatt iltaqa' ma' jew ikkomunika ma' l-istess rikorrent;

Illi huwa qatt ma ha sehem esekuttiv fit-tmexxija tas-socjeta' in kwistjoni u dan jista' facilment jigi ppruvat;

Illi sa fejn jaf hu minn informazzjoni moghtija lilu minn Direttur ezekuttiv ta' l-istess socjeta' flus ir-rikorrent jinsabu depozitati taht il-kontroll ta' l-istess Direttur wahdu u ghalhekk l-esponent ma ghandu ebda kontroll fuqhom;

Illi tali informazzjoni nghatat f'laqgha mal-konsulent legal tar-rikorrent, f'liema laqgha l-esponent ghamel il-posizzjoni tieghu cara, u in segwitu anki kkonferma l-istess bil-miktub. Illi f'dik l-istess laghqa d-Direttur ezekuttiv ta r-ragunijiet tieghu ghala tali flus ma setghux jigu likwidati f'dak il-mument;

Illi inoltre l-esponent ikkonferma l-posizzjoni tieghu ripetutament, anki bil-miktub, qabel il-prezentata ta' dan il-mandat;

Illi jinghad ukoll ghal kull buon fini li jekk flus ir-rikorrent ghadddew mill-kontijiet tas-socjeta civili Muscat Azzopardi, Spiteri and Associates, dan sar minghajr ix-xjenza ta' l-esponent. F'kull kaz, skond il-ligi, is-socji mhumiex marbutin in solidum ma' l-istess socjeta';

Illi dan kollu jinghad ghall-finijiet tal-mandat biss billi l-esponent jirriserva li jaghti eccezzjonijiet ohra fil-kawza;

Illi l-mandat in kwistjoni jindika illi sar fil-konfront ta' l-esponent bl-iskop illi jezercita pressjoni ingusta fuq l-istess esponent;

Illi l-mandat innifsu diga' kkawza hsara irreparabbli lill-esponent fl-ezercizzju tal-professjoni tieghu u l-kontinwazzjoni fis-sehh ta' l-istess se tkompli tirrendilu pregudizzju ingenti;

Ghaldaqstant ir-rikorrenti talbu li dina l-Qorti, a tenur ta' l-artikolu 836(1)(f) tal-Kodici ta' Procedura u Organizzazzjoni Civili, tirrevoka l-precitat mandat ta' sekwestru fil-konfront taghhom billi fic-cirkostanzi ma tezisti l-ebda gustifikazzjoni ghaz-zamm fis-sehh tieghu fil-konfront taghhom;

Inoltre r-rikorrenti talbu li a tenur ta' l-artiklu 838A tal-Kodici ta' Procedura u Organizzazzjoni Civili, dina l-Qorti tordna lis-sekwestranti sabiex jaghtu, fi zmien li jigi stabbilit minn din l-Onorabbli Qorti, garanzija xierqa ghall-hlas tal-penali u ta' danni u imghax li jistghu jigu imposti, u fin-nuqqas li tnehhi l-imsemmi att kawtelatorju;

Rat ir-risposta ta' l-intimati Avukat Dottor Tonio Fenech et nomine fejn gie sottomess:

Illi permezz tar-rikors surriferit ir-rikorrenti talab lil dina l-Onorabbli Qorti illi tirrevoka l-precitat mandat ta' sekwestru a tenur ta' l-artikolu 836(1)(f) tal-Kapitolu 12, fis-sens illi ma tezisti l-ebda gustifikazzjoni ghaz-zamm fis-sehh tal-mandat fil-konfront taghhom;

Illi fl-istess rikors ir-rikorrenti nomine jitlob inoltre illi dina l-Onorabbli Qorti toghgobha tordna lill-esponenti nomine illi jaghtu garanzija xierqa ghall-hlas ta' penali u danni u imghax li jistghu jigu imposti, u fin-nuqqas li tnehhi l-imsemmi att kawtelatorju a tenur tal-artikolu 838A ta' l-istess Kap. 12;

Illi t-tieni talba hija relevanti biss f'kaz eventwali ta' responsabilta' ghad-danni fil-kuntest tas-subincizi (8) u (9) ta' l-Artikolu 836 tal-Kapitolu 12 (vide digriet, Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-15 ta' Novembru 2000, fl-atti tal-Mandat ta' Sekwestru numru 4181/99FF, fl-ismijiet Salvino Farrugia noe vs Exalco Holdings Limited);

Illi l-esponenti talbu u ottjenew il-mandat surriferit kontestwalment mal-prezentazzjoni ta' citazzjoni fl-ismijiet Dr. Tonio Fenech et noe vs Dr. Patrick Spiteri pro et noe et, Citaz. Numru 737/01 JRM, flimkien ma' dikjarazzjoni mill-aktar dettaljata tal-fatti, tul ta' seba' pagni, u elenku ta' madwar mitt dokument, kif ukoll lista ta' 'l fuq minn ghoxrin xhud;

L-esponenti ghazlu li jippreparaw u jipprezentaw mac-citazzjoni daqs tant dokumenti propju ghax hassew l-importanza illi l-kaz jigi pprezentat b'mod kemm jista' jkun komplet u minghajr ambigwita' min-naha taghhom sa mill-bidu nett, in vista tac-cirkostanzi partikolari u l-partijiet involuti. Dan sar biex tigi minimizzata kwalsiasi spekulazzjoni, anki fil-pubbliku, dwar il-kaz, u sabiex jintwera bil-mod l-aktar car illi l-proceduri kollha mehuda mill-esponenti ma kinux biss lecti u gustifikati, imma fic-cirkustanzi addirittura essenzjali u vitali biex ir-rimedju moghti mil-ligi jigi kkawtelat;

Minghajr ma' l-esponenti jidhlu fil-meritu tac-citazzjoni, huwa importanti illi jirrilevaw qabel xejn illli l-esponenti nomine ilhom jipprovaw jottjenu rifuzjoni mill-konvenuti fil-kawza surriferita, jew min minnhom, ta' flejjes propjeta' taghhom ghal dawn l-ahhar sena w nofs. Mhux biss ghandu jinghad illi din ir-rifuzjoni qatt ma saret, izda lanqas biss ma nghata rendikont li jevidenzja l-ezistenza stess ta' dawn il-flejjes, minkejja dikjarazzjonijiet ripeturi, izda generici, illi l-istess flejjes kienu jinsab f'clients' account tad-ditta legali konvenuta. Tant illi l-esponenti kellhom jiddikjaraw sahansitra dubju dwar jekk gewx sottratti illegalment dawn l-istess flejjes. Dan id-dubju gie espress anki mar-rikorrenti l-Imhallef Godwin Muscat Azzopardi, zmien ilu, u bil-miktub;

Bir-rispett kollu, ir-rikorrent m'ghandux u ma jistax, permezz ta' affermazzjonijiet ambigwi, bhalma huma diversi affermazzjonijiet li jaghmel fir-rikors jitfa' dubji fejn dawn ma jistghux jezistu. Jekk, per ezempju, fif-rikors tieghu qed jaghmel referenza ghas-socjeta' CMG International Limited, meta jitkellem dwar "is-socjeta' in kwistjoni", il-posizzjoni legali versu l-esponenti ma tinbidilx. Il-flus, li gew taht il-kontroll tad-ditta legali minghajr l-awtorizzazzjoni ta' l-esponenti, jibqghu ta' l-esponenti. Ftit jimporta, ghal dak li jirrigwarda l-esponenti jekk il-flus humiex illum ikkontrollati tramite d-ditta Muscat Azzopardi Spiteri & Associates jew CMG I jew CMG International. Huwa cert, pero', illi d-ditta Muscat Azzopardi Spiteri & Associates affermat kemm-il darba illi flus l-esponenti kienu jinsabu f'clients account taghha. Din is-sitwazzjoni baqghet kostanti ghallinqas minn April 2000 'l hawn - anzi, skond ir-rikorrent u s-socju tieghu, il-flus ma setghux jigu likwidati u johrogu mill-clients account minhabba allegat obbligu li suppost kellhom ma' l-awtoritajiet Inglizi. L-Imhallef Muscat Azzopardi kien jaf b'dawn l-affermazzjonijiet, kif jingahd aktar 'l isfel, u qatt ma kkontradicihom. Hija d-ditta legali, ossia s-socji taghha, li huma responsabbli legalment ghal kwalsiasi nuqqas milli jaghtu rendikont skond il-ligi, kif ukoll ghar-rifuzjoni ta' l-istess flus;

Di piu', mhuwiex car ghal min qed jirreferi r-rikorrent, fl-istess rikors, meta jsemmi lil "direttur ezekuttiv". jekk qed jirreferi ghas-socju Dottor Patrick Spiteri, l-esponent qatt ma ltaqghu jew ikkorrispondew ma' Dottor Spiteri (jew l-Imhallef Muscat Azzopardi stess) fil-kuntest ta' CMG International Limited, u dan propju minhabba, u a bazi ta' l-affermazzjonijiet ripetuti sa minn April ta' l-2000 ta' l-Avukat Spiteri illi l-flus kienu gewwa clients account tad-ditta Muscat Azzopardi Spiteri & Associates, fejn il-firmatarji kienu kemm l-Imhallef Muscat Azzopardi u l-Avukat Spiteri, u fil-kuntest ta' liema l-istess socji kienu dejjem jiddeciedu flimkien (ara per ezempju Dok TF45 u Dok TF59 hawn annessi);

Ghalhekk, qajla tinftiehem l-affermazzjoni vaga ghall-ahhar, fir-rikors tar-rikorrent, illi sa fejn jaf hu flus l-esponenti jinsabu f'kont taht il-kontroll tad-direttur ezekuttiv wahdu. Din l-affermazzjoni fil-fatt qatt ma saret lill-esponent. L-unika laqgha fejn din setghet issir hija l-laqgha tas-Sibt, 25 ta' Novembru 2000. L-informazzjoni kollha illi nghata lill-esponent fl-istess laqgha hija riportata fin-noti li ha, u li huma riprodotti f'Dok TF79, hawn aness. Dan id-dokument gie ppreparat l-ghada stess ta' l-imsemmija laqgha. L-istess dokument isemmi, fost hafna affarijiet ohrajn, clients account tad-ditta u l-ebda kont ikkontrollat minn bniedem wahdu;

Apparti li hija vaga, din l-affermazzjoni tar-rikorrenti hija wkoll gratuita u "unfair". L-ewwel nett ir-rikorrent ma jghidx hekk hux qed jaghmel riferenza ghas-sitwazzjoni vigenti wara li d-ditta legali Muscat Azzopardi Spiteri & Associates waqfet milli topera, u almenu apparentement, giet xolta, kmieni din is-sena. It-tieni nett, affermazzjoni bhal din fil-kuntest ta' klijent illi ilu xhur shah jipprova jintraccja flusu, ma tistax, bir-rispett kollu, ma taghtix impressjoni anki ta' certu cinizmu u disprezz ghar-ricerka tal-verita', impressjoni illi zgur ghandha tigi eliminata. Dan huwa kaz delikat ukoll ghaliex jista' potenzjalment jitfa' dell ikrah fuq il-pajjiz bhala centru ta' servizzi internazzjonali, u l-partijiet kollha nvoluti ghandhom jaghmlu hilithom biex issir gustizzja malajr u minghajr kompikazzjonijiet zejda;

Anki ghal dak li jirrigward likwidazzjoni tal-flus, mhuwiex, bir-rispett kollu, bizzejjed illi r-rikorrenti jghdu, kif qalu fir-rikors surriferit, illi nghataw ragunijiet lill-esponenti ghala l-flus ma setghux jigu likwidati. Apparti l-fatt illi ma kien hemm, u m'hemm l-ebda gustifikazzjoni legali ghalfejn dan ma setax isir, is-socjeta' konvenuta irrifjutat jew ma setghetx tidentifika l-flejjes u tistabilixxi l-imkejjem taghhom b'mod definit, tant illi l-esponenti ma jafux jekk il-flus jezistu jew le, irrispettivament jekk jistghux, ghall-grazzja ta' l-argument jigu likwidati f'idejhom. Din is-sitwazzjoni baqghet ma tbiddlitx sal-lum;

Dan gie spjegat ripetutament, kemm fil-laqgha fuq imsemmija (ara Dok TF79) kif ukoll wara, verbalment u bil-miktub, kemm lir-rikorrenti l-Imhallef Godwin Muscat Azzopardi kif ukoll lis-socju tieghu Dottor Patrick Spiteri. Il-korrispondenza konnessa ma' dan is-suggett kienet dejjem mas-socjeta' Muscat Azzopardi Spiteri & Associates, minghajr ebda tip ta' oggezzjoni min-naha ta' l-istess Imhallef Godwin Muscat Azzopardi ghall-fatt illi d-ditta legali li fiha kien socju importanti kienet involuta b'mod dirett u inekwivoku, ukoll bhala mandatarja u/jew depozitarja, u f'kwalunkwe kaz bhala debitrici diretta ta' l-esponenti;

Infatti, rigward x'kienu jafu r-rikorrenti, huwa minnu illi l-Imhallef Godwin Muscat Azzopardi nforma lill-esponenti nomine illi hu kien jaf ftit li xejn dwar il-kaz taghhom, ghax il-materja kienet gestita mill-Avukat Dottor Patrick Spiteri. Tant illi l-istess Imhallef Muscat Azzopardi apprezza u anki talab illi jigi kkopjat bil-korrispondenza u anki illi jkun prezenti ghal xi whud mid-dieversi laqghat illi saru f'tentattivi ripetuti, ghalkemm vani, da parti mil-esponenti biex tigi rizolta l-kwistjoni minghajr il-bzonn ta' proceduri gudizzjarji;

L-interess ta' l-Imhallef Muscat Azzopardi illi jigi involut fil-vari diskussjonijiet, kien car propju ghaliex kienet id-ditta legali li ggib ismu bhala l-ewwel fost is-socji li kienet qed tigi ripetutament intimata mill-esponenti biex tottempera ruhha ghall-obbligi legali taghha illi taghti rendikont dwar l-amministrazzjoni tal-flejjes illi accettat f'idejha, u tirrifondi l-istess. Dawn l-obbligi jirrispondu ghalihom is-socji b'mod indaqs, skond il-ligi;.

Illi l-affermazzjonijidet maghmula mill-Imhallef Muscat Azzopardi, kemm dwar l-involviment tieghu, kif ukoll dwar fejn jinsabu l-flus, jikkontradicu b'mod dirett dak li afferma diversi drabi s-socju tieghu. Fil-fatt, l-Avukat Dottor Patrick Spiteri min-naha tieghu ghamilha ripetutament cara ma' l-esponenti illi huwa kien qed jagixxi ghan-nom tas-socjeta' Muscat Azzopardi Spiteri & Associates fil-konfront ta' l-esponenti, u di piu' illi l-Imhallef Godwin Muscat Azzopardi mhux biss kien jaf b'kollox li kien ghaddej, izda wkoll illi l-istess Imhallef Muscat Azzopardi kien ko-firmatarju ma' l-istess Dottor Patrick Spiteri fil-kont bankarju fejn kienu allegatament intefghu il-flus ta' l-esponenti nomine. Di piu, l-Avukat Spiteri allega diversi drabi (ara Dok TF45 u Dok TF59) illi d-decizjonijiet konnessi mal-kaz kienu qed jehduhom flimkien, bhala socji, in vista tad-delikatezza tal-materja.

Illi l-esponenti jirrileva inoltre illi l-Imhallef Muscat Azzopardi kien ikkupjat direttament u personalment b'diversi ittri u komunikazzjonijiet ohra li ghaddew bejn l-esponenti u s-socjeta' konvenuta (ara DokTF80, TF81, TF84, TF85 hawn annessi). Zgur ghalhekk illi, anki jekk ghall-grazzja ta' l-argument ma kienx jaf bis-sitwazzjoni qabel ma gie kkupjat direttament bl-ittri, zgur illi seta' jikkontrolla jekk flus l-esponenti nomine ghaddewx mill-kontijiet tas-socjeta' Muscat Azzopardi Spiteri & Associates wara li bdew l-istess ittri. Zgur illi fil-laqgha li l-esponent kellu maghhom fil-25 ta' Novembru 2000 (Dok TF79), l-Imhallef Muscat Azzopardi ma nnegax l-istqarrijiet ta' l-Avukat Spiteri illi l-flus ta' l-esponent kienu taht il-kontroll tas-socjeta' taghhom permezz ta' clients account. Zgur illi kien jaf, sa din id-data, illi l-esponenti nomine kellu dubji dwar l-ezistenza stessa tal-flejjes, u zgur illi ghalhekk seta', anzi kellu d-dmir li jsegwi x'kien sar minnhom dawn il-flus;

Relevanti huma d-dokument TF83, TF84, TF85. F'dan id-dokument ta' l-ahhar l-Imhallef Muscat Azzopardi hass illi kellu jfakkar lill-Avukat Spiteri illi s-socji ta' Muscat Azzopardi Spiteri & Associates kellhom jistqarru illi l-Imhallef Muscat Azzopardi ma kellux x'jaqsam mal-flus u li l-istess ma kienx jaf fejn jinsabu, liema stqarrija Dottor Spiteri naqas milli jaghmel, anki sal-lum. Huwa sintomatiku l-fatt illi l-Imhallef Muscat Azzopardi ma hassx illi kellu jikkontradici l-affermazzjonijiet miktuba ta' l-ex socju tieghu qabed id-data ta' din il-komunikazzjoni, li saret fl-1 ta' Frar 2001.

Jidher illi seta' kien hemm xi differenzi, li hargu dan l-ahhar, bejn l-Imhallef Muscat Azzopadi u l-Avukat Spiteri, ghax fl-ahhar ftit korrispondenza qabel ma saret il-kawza l-Avukat Spiteri ma baqax jutilizza l-letter head tas-socjeta' Muscat Azzopardi Spiteri & Associates, tant illi l-esponenti kellhom jindirizzaw il-korrispondenza lil zewg postijiet, ossija lil Muscat Azzopadi Spiteri & Associates u lil Zimmerman House Group (li pero' jidher li huwa isem li gja zmien ilu kienu jutilizzaw is-socji ta' Muscat Azzopardi Spiteri & Associates);

Illi dawn id-differenzi apparenti, tibdiliet, vicenti u vicissitudnijiet possibbli ohra recenti bejn is-socji ma jbiddlux il-posizzjoni legali ta' responsabilta' versu terzi. Zgur illi s-sitwazzjoni ma titbiddilx, u wiehed ma jistax ragjonevolment jasal ghal konkluzjoni differenti a bazi biss ta' l-affermazzjonijiet maghmulin separatament mis-socji tas-socjeta' civili Muscat Azzopardi Spiteri & Associates, peress illi hemm kuntrast sostanzjali bejn l-affermazzjonijiet taghhom. Di piu', u sfortunatament, l-affermazzjonijiet tas-socji kienu u ghadhom ikkaratterizzati minn xejn ghajr ambigwitajiet u kliem illi jqajjem aktar mistoqsijiet milli jirrispondi;

Ghal dak li jirrigwarda l-esponenti, il-posizzjoni ma tistax tkun aktar semplici. A tenur tal-artikolu 1677 tal-Kodici Civili, is-socji ta' socjeta' huma obbligati b'mod indaqs versu kredituri ta' l-istess socjeta', ukoll meta l-ishma taghhom fl-istess socjeta' mhumiex indaqs, kemm-il darba il-kuntratt li permezz tieghu ssiehbu flimkien ma jipprovdix altrimenti. Lanqas ma hemm evidenza illi l-Avukat Dottor Patrick Spiteri kien qed jagixxi minghajr awtorizzazzjoni mis-socju tieghu. F'dan il-kuntest, Dottor Spiteri dejjem esprima ruhu b'mod car. Ma kien qed jaghmel xejn wahdu;

Kienet x'kient is-sitwazzjoni, jidher illi l-avukat Dottor Patrick Spiteri kellu almenu awtorizzazzjoni generika, jekk mhux specifika, biex jagixxi ghas-socji f'certi materji illi jinkludu l-gestjoni jew amministrazzjoni ta' flejjes appartenenti terzi permezz tal-konnessjoni li kellhom ma' l-accountant Ingliz Paul Warren, kemm direttament, kif ukoll tramite s-socjeta' CMG International, li fiha l-familja Muscat Azzopardi kellhom ishma flimkien ma' ohrjan, inkluz il-familja ta' l-Avukat Spiteri. Jidher ukoll illi l-Avukat Spiteri kien jutilizza l-clients account tas-socjeta' Muscat Azzopardi Spiteri & Associates ukoll biex jinzammu flejjes ta' klijenti tas-socjeta' CMG International. Ghalkemm l-Imhallef Muscat Azzopardi jistqarr illi kwalsiasi uzu ta' clients accounts b'dan il-mod sar minghajr ix-xjenza tieghu, ghandu jinghad illi l-esponenti gew infurmati diversi drabi mill-Avukat Spiteri illi l-istess Imhallef Muscat Azzopardi kien jaf b'kollox. F'dan ir-rigward, id-dokument TF45, TF59 u TF11 huma wkoll relevanti. Ta' l-ewwel jindika illi s-socji kienu t-tnejn midhla tal-fatti, it-tieni jaghmilha cara illi l-flus huma gewwa clients account ikkontrollat minn zewg socji ta' Muscat Azzopardi Spiteri & Associates, u ta' l-ahhar juri illi din kienet l-impressjoni ta' l-accountant Paul Warren ukoll;

Hemm diversi ittri ohra fil-process tac-citazzjoni surriferita, li ghandhom inehhu kull dubju illi d-ditta Muscat Azzopardi Spiteri & Associates accettat relazzjoni guridika diretta ma' l-esponenti, almenu wara Marzu 2000;

Illi fic-cirkustanzi, l-allegazjoni tar-rikorrent illi l-mandat sar fil-konfront tieghu biex tigi ezercitata xi pressjoni ingusta fuqu hija totalment "unfair", u qajla tinftiehem, apparti illi zbaljata;

L-istess ghandu jinghad ghal dak illi jirrigwarda l-involviment ta' Marian Muscat Azzopardi, li huwa limitat ghall-fatt li hija tigi mart l-Imhallef Muscat Azzopardi u ghalhekk kompartecipi fil-komunjoni ta' l-akkwisti flimkien ma' zewgha. Dan l-involviment ma johrogx minn cirkostanzi ta' fatt, izda huwa sempliciment impost mil-ligi u senjatament mill-istitut fil-Kodici Civili rigwardanti l-Kommunjoni ta' l-Akkwisti fejn f'materja simili u ghall-integrita' tal-gudizzju att ikun mankanti jekk ma jinkludix mart id-debitur meta d-debitur ikun ragel mizzewweg u tezisti bejnu u bejn martu l-kommunjoni ta' l-akkwisti. Huwa wkoll inkocepibbli legalment kif wiehed jista' jesegwixxi mandat kontra propjeta' tal-komunjoni ta' l-akkwisti meta wiehed jew wahda mill-partijiet fl-istess komunjoni ma tkunx in kawza. Ghalhekk kwalsiasi referenza ghal nuqqas ta' etika jew malizzja f'dan ir-rigward hija "red herring" illi difficli jinftiehem ghaliex saret;

Illi s-socjeta' konvenuta fil-kawza surriferita ddikjarat ripetutament illi hija fil-pussess, permezz tal-clients account taghha, tal-flejjes appartenenti lill-esponenti. Jekk dan huwa minnu huwa inkoncepibbli illi setghu sofrew xi danni, ghaliex il-mandat ottenut, li huwa uniku kontra l-konvenuti kollha, huwa ghal somma definita illi fil-fatt ghandha tkun anqas mill-ammont dovut lill-esponenti, kemm bhala kapital kif ukoll bhala frutti spettanti, u danni subiti. Fil-fatt, ghas-semplicita' u l-ekonomija tal-gudizzju l-ammont riferut fil-mandat relevanti huwa limitat ghall-ammont illi s-socjeta' konvenuta ammettiet illi kellha f'idejha fl-ewwel ta' Awissu 2000 (Dok TF 59). Jekk din l-ammissjoni mhix falsa, allura l-istess flejjes ta' l-esponenti nomine ghandhom ikopru l-mandat, u l-flejjes tar-rikorrent mhumiex affetwati;

Huwa importanti illi jinghad ukoll illi l-esponenti ghamlu r-ricerki li setghu jaghmlu biex jaccertaw irwiehhom illi r-rimedju li taghtihom il-ligi ikun debitament kawtelat. Naturalment, ma setghux jaghmlu ricerki fuq kontijiet bankarji, ghax kif inhu ben saput din mhijiex informazzjoni accessibbli. Il-konkluzjoni li setghu ragonevolment jigbdu a bazi tar-ricerki li setghu jaghmlu fir-registru pubbliku kien illi m'hemmx propjeta' li tista' taghmel tajjeb biex tkopri s-somma dovuta lir-rikorrenti, jekk mhux f'isem socjetajiet ohra min-naha tal-konvenuti, l-esponenti ma kellhom ebda triq ohra biex jigu kkawtelati drittijiethom, ghajr il-hrug ta' l-istess mandati;

Illi ladarba ghandu jidher mill-aktar car illi l-esponenti nomine ghandhom dritt ghar-ritorn ta' flushom, m'hemm l-ebda raguni 'l ghala dina l-Qorti ghandha tilqa' t-talba ghar-revoka tal-mandat, kif lanqas m'ghandha tilqa' t-talba ghall-hrug ta' garanzija taht l-artiklu 838A tal-Kap. 12, billi kull danni li setghu talvolta qed isofru l-Imhallef Muscat Azzopardi u martu mill-hrug tal-mandat, gew inflitti mill-istess imhallef Muscat Azzopardi u d-ditta Muscat Azzopardi Spiteri & Associates, li sal-lum mhux biss ghadhom ma rritornawx flus l-esponenti nomine izda lanqas biss ghadhom ma taw rendikont ta' dawn il-flus, jew qalu fejn jinsabu, u wisq anqas taw prova ghadhomx jezistu jew le;

Rat l-atti l-ohra kollha tar-rikors u d-dokumenti esibiti;

Semghet il-partijiet u x-xhieda minnhom prodotti;

Rat in-nota tar-rikorrenti l-konjugi Muscat Azzopardi;

Rat in-nota responsiva tal-intimat;

Rat il-verbal tas-seduta tad-9 ta' Lulju 2001;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ulterjuri tar-rikorrenti;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ulterjuri tal-intimat;

Ikkonsidrat:

Jirrizulta li l-intimat Ronald Luther Philips ottjena l-hrug ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju kontra diversi persuni fosthom ir-rikorrenti odjerni l-Avukat Dottor Godwin Muscat Azzopardi f'ismu propju u martu Marian Muscat Azzopardi bhala kompartecipi fil-komunjoni tal-akkwisti ma' l-imsemmi zewgha u dana ghas-somma ta' liri sterlini hames mija seba u sebgin elf hames mija u tlieta u erbghin punt tnejn u disghin (£577,543.92) ekwivalenti ghal circa tlett mija u tmenin elf liri maltin (Lm380,000). Il-persuni l-ohra li ssubew dan il-mandat kawtelatorju, li ovvjament kienu l-intimati f'dawk il-proceduri, huma l-Avukat Dottor Patrick Spiteri u martu u d-ditta tal-avukati Muscat Azzopardi, Spiteri & Associates. Gie konfermat li l-kawzali ghal hrug ta' dan il-mandat ta' sekwestru kienet li l-intimati, cioe il-konjugi Muscat Azzopardi, l-konjugi Spiteri u l-imsemmija ditta tal-avukati, kienu accettaw somom ingenti ta' flus allegatament tal-istess Philips u l-istess intimati kienu naqsu li jghatu rendikont tal-istess somom u naqsu milli jirrifonduhom lill Philips;

Ir-rikorrenti konjugi Muscat Azzopardi bil-presenti rikors qed jitolbu principalment li, a tenur ta' l-artikolu 836(1)(f) tal-Kodici ta' Procedura u Organizzazzjoni Civili, jigi revokat l-imsemmi att kawtelatorju fil-konfront taghhom billi fic-cirkostanzi ma tezisti l-ebda gustifikazzjoni ghaz-zamm fis-sehh tal-istess att. Inoltre r-rikorrenti qed jitolbu sussidjarament li, a tenur ta' l-artiklu 838A tal-Kodici ta' Procedura u Organizzazzjoni Civili, jigi ordnat lill-intimat Philips, li hu s-sekwestranti, sabiex jaghti, fi zmien li jigi lilu stabbilit, garanzija xierqa ghall-hlas tal-penali u ta' danni u imghax li jistghu jigu eventwalment imposti;

Ir-rikorrenti jsostnu li fil-kaz tar-rikorrenti Marian Muscat Azzopardi meta gie ottjenut kontra taghha l-att kawtelatorju in kwestjoni dan sar b'malizja stante li l-istess rikorrenti ma ghandha ebda konnessjoni mal-meritu ta' din il-kwestjoni. Inoltre r-rikorrenti jsostnu li r-rikorrenti Dottor Godwin Muscat Azzopardi bl-ebda mod ma kien involut fit-transazzjonijiet li setghu kienu jinvolvu lill-intimat Philips jew xi sommom ta' flus appartenenti lill-istess Philips. Ir-rikorrenti Dottor Muscat Azzopardi qatt ma ltaqa jew kkomunika mal-intimat Philips. Ir-rikorrenti jaqblu li dawn is-somom ta' flus ghadddew mill-kontijiet tas-socjeta civili Muscat Azzopardi, Spiteri and Associates pero' dan sar minghajr ix-xjenza ta' l-istess Dottor Muscat Azzopardi. Ir-rikorrenti jinsistu li, skond il-ligi, is-socji ta' socjeta civili mhux marbutin in solidum ma' l-istess socjeta'. Ir-rikorrenti jsostnu li l-att kawtelatorju in kwistjoni gie ottjenut kontra taghhom biss bl-iskop li ssir pressjoni ingusta fuqhom;

L-intimat, fir-risposta tieghu jsostni li, semmai, t-tieni talba tar-rikorrenti hija relevanti biss f'kaz eventwali ta' responsabilta' ghad-danni fil-kuntest tas-subincizi (8) u (9) ta' l-Artikolu 836 tal-Kapitolu 12. L-intimat jinsisti li l-proceduri kollha li hu beda huma lecti u gustifikati, u inoltre huma essenzjali u vitali biex id-drittijiet tieghu jigu kkawtelati u salvagwardati. L-intimat ssottometta li saru diversi dikjarazzjonijiet fis-sens li il-flejjes in kwestjoni jinsabu f'clients' account tad-ditta legali gia indikata. L-intimat isostni li s-socji tal-imsemmija ditta legali, inkluz ir-rikrrenti Dottor Godwin Muscat Azzopardi, huma responsabbli legalment sabiex jinghata rendikont ta' flejjes afdati lill-istess ditta, kif ukoll ghar-rifuzjoni ta' l-istess flus. Ir-rikorrenti Dottor Muscat Azzopardi kien ukoll jikkontrolla l-"clients' account" tad-ditta u kien ukoll wiehed mill-firmatarji tal-istess kontijiet. L-intimat inoltre sostna li skond xi provedimenti tal-Kodici Civili, socji ta' socjeta' civili huma obbligati b'mod indaqs versu kredituri ta' l-istess socjeta', kemm-il darba il-kuntratt li permezz tieghu ssiehbu flimkien ma jipprovdix altrimenti. Finalment l-intimat, fir-risposta tieghu, ikkonferma li r-rikorrenti Marian Muscat Azzopardi giet involuta minhabba li hija tigi mart Dottor Muscat Azzopardi u ghalhekk kompartecipi fil-komunjoni ta' l-akkwisti ma' zewgha. Ghalhekk dan l-involviment huwa impost mil-ligi ghall-integrita' tal-gudizzju;

L-artikolu 836 tal-Kodici ta' Procedura u Organizzazzjoni Civili jipprovdi li minn ikun issubixxa xi att kawtelatorju jista jitlob li l-istess att kawtelatorju jigi revokat jew "in toto" jew "in parte" ghal xi raguni li hi specifikata fl-istess artikolu. Huma dawn il-provedimenti li qeghdin fil-bazi tat-talba principali tar-rikorrenti f'dawn il-proceduri. B'mod specifiku r-rikorrenti konjugi Muscat Azzopardi qed jinvokaw il-provedimenti tas-subinciz (1)(f) tal-imsemmi artikolu 836. Inoltre fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom ir-rikorrenti jindikaw li huma qed jibbazaw l-imsemmija talba principali taghhom ukoll fuq il-provedimenti tas-subinciz (1)(b) tal-istess artikolu 836;

L-imsemmi subinciz (1)(f) jipprovdi, fost affarijiet ohra, li wahda mir-ragunijiet ghala jista jigi revokat att kawtelatorju hi jekk jintwera li fic-cirkostanzi kollha partikolari tal-kaz mhux ragjonevoli li l-att in kwestjoni jinzamm fis-sehh. Il-provedimenti tal-imsemmi subinciz l-iehor (1)(f) jipprovdu l-qorti tista tordna r-revoka jekk jirrizulta li wahda mill-htigijiet ghall-hrug tal-mandat ma tkunx ghadha tesisti. Ghalhekk f'dawn il-proceduri r-rikorrenti ghandhom jipprovaw li tenut kont tac-cirkostanzi kollha specjali tal-kaz mhux ragjonevoli li l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju ghandu jibqa fis-sehh u li xi wahda mill-htigijiet ghall-hrug tal-mandat m'ghadiex tesisiti;

Ir-rikorrenti, inoltre, specifikaw li l-imsemmija talba principali taghhom hi bbasata fuq diversi fatti. Fl-ewwel lok fuq il-fatt li r-rikorrenti Dottor Muscat Azzopardi mhux il-legittimu kontradittur u konsegwentement il-mandat ma sarx korrettement fil-konfront tieghu. Fit-tieni lok fuq il-fatt li l-istess rikorrenti ma kellu x'jaqsam xejn fit-transazzjonijiet li seta kien involut fihom l-intimat Philips jew li setghu kienu involuti fihom xi flejjes appartenenti lill-istess Philips. Barra minn hekk l-istess rikorrenti qatt ma kellu xi kontroll effettiv fuq is-somom in kwestjoni allegatament appartenenti lill-istess Philips. L-istess rikorrenti jsostni li, fi kwalunkwe kaz, ma kienx jaf li sommom ta' flus allegatament appartenenti lill-intimat Philips ghadddew mill-kontijiet tal-imsemmija ditta legali tieghu. Fit-tielet lok fuq il-fatt li l-mandat in kwestjoni ma kienx effikaci peress li nqabdu flejjes tar-rikorrenti f'somma komplessiva li hi ferm izghar mill-imsemmija pretensjonijiet tal-intimat Philips kif dedotti fil-mandat kawtelatorju in kwestjoni;

Ghandu jigi puntwalizzat li f'dawn il-proceduri l-kwestjonijiet sollevati, b'mod partikolari dawk il-kwestjonijiet li essenzjalment jappartjenu ghal meritu tal-kontroversja bejn il-partijiet, m'ghandhomx jigu trattati u esaminati fil-fond. Hawnhekk qeghdin fil-kamp tal-"prima facie" u l-Qorti zgur li m'ghandiex tidhol u tesamina "funditus" il-meritu tal-kwestjoni. Hawnhekk si tratta ta' att kawtelatorju li jinhareg semplicement ghaliex l-intimat ikkonferma bil-gurament li huwa jippretendi li ghandu xi drittijiet fil-konfront ta' diversi persuni inkluzi r-rikorrenti. Hu ovvju li l-intimat, la darba ottjena l-hrug tal-att kawtelatorju in kwestjoni, ghandu jassumi r-responsabilitajiet kollha u l-konsekwenzi kollha skond il-ligi anke fil-konfront tal-rikorrenti odjerni. F'dawn il-proceduri huma r-rikorrenti li ghandhom jipprovaw "prima facie" li l-att kawtelatorju in kwestjoni m'ghandux jinzamm fis-sehh u dana a bazi ta' dawk ir-ragunijiet li huma specifikati fil-ligi u li gew indikati mir-rikorrenti;

In vista tal-premess u fid-dawl tas-sottomissjonijiet kemm fid-dritt kif ukoll fil-fatt tar-rikorrenti il-kwestjoni dwar il-legittimu kontradittur ma tistax tigi esaminata fid-dettal u b'mod estensiv, peress li din il-kwestjoni essenzjalment tappartjeni ghal meritu tal-kwestjoni bejn il-partijiet. L-esami li ghandu isir f'dan ir-rigward hu jekk hemmx ghall-inqas prova li mad-daqqa t'ghajn teskludi li hemm relazzjoni guridika bejn il-partijiet;

Mill-provi jirrizulta li r-rikorrenti Dottor Godwin Muscat Azzopardi u avukat iehor Dottor Patrick Spiteri fil-1995 kienu ghamlu skrittura privata li permezz taghha stabbilew socjeta civili li kellha tiffunzjona bhala ditta legali bl-isem ta' Muscat Azzopardi, Spiteri & Associates. (Vide dokument - a fol. 57 sa 63). Eventwalment l-imsemmija socjeta civili giet xjolta fl-1 ta' Jannar 2001. L-istess ditta legali fiz-zmien kellha kont jew diversi kontijiet li fihom kienu jigu depositati flejjes appartenenti lill-klijenti tad-ditta. Dawn il-kontijiet kienu amministrati u kkontrollati mill-imsemmija zewg socji. Jirrizluta ukoll li fil-31 ta' Jannar 2001 saret sskrittura bejn l-imsemmija zewg socji tad-ditta legali fejn l-istess zewg socji rregolaw il-kontijiet li kien hemm f'isimhom it-tnejn u dana in vista tax-xoljiment tas-socjeta;

Jirrizulta ukoll li f'xi zmien l-imsemmija ditta legali bdiet tikkolabora ma xi persuni ta' nazzjonalita ingliza li bdew jghamlu xi xoghol ta' "back office" permezz ta' socjeta ohra inkorporata f'Malta. Din is-socjeta kienet topera ukoll permezz ta' fiducjarja mgharufa bhala "Carton Fiducier", liema fiducjarja kellha diversi "sub-accounts" fosthom dak maghruf bhala "sub-account number one". L-intimat Philips jippretendi li l-flejjes li kien hemm appuntu f'dan il-kont kienu tieghu u l-pretensjonijiet tieghu kif dedotti fil-mandat ta' sekwestru kawtelatorju in kwestjoni kollha jirreferu ghal-flejjes f'dan l-istess kont. Jirrizulta li dan l-istess "sub-account number one" kellu kont f'bank barrani, liema kont jidher li gie mghaluq fuq struzzjonijiet specifici taz-zewg socji tal-imsemmija ditta legali u cioe r-rikorrenti Dottor Godwin Muscat Azzopardi u Dottor Patrick Spiteri. Jidher ukoll li dawn l-istess fondi gew trasferiti hawn Malta, gew konvertiti f'liri maltin u gew depositai ma' bank lokali fil-"clients' account" tad-ditta legali in kwestjoni. Dan kollu jidher li sar fuq struzzjonijiet mghotija fost ohrajn mir-rikorrenti Dottor Muscat Azzopardi, li jidher li ukoll ta' istruzzjonijiet sabiex dan l-ahhar kont ma' bank lokali eventwalment jinghalaq. Jidher ukoll li qabel ma nghalaq dan l-ahhar kont, r-rikorrenti kien jaf li kienu qed isiru xi investigazzjonijiet barra minn Malta ghar-rigward tal-persuni inglizi li maghhom kien hemm kollaborazzjoni kif ukoll ghar-rigward tal-kontijiet jew xi kontijiet tal-imsemmija fiducjarjia. Jidher li nonostante dan ir-rikorrenti Dottor Muscat Azzopardi xorta wahda ta' istruzzjonijiet sabiex l-imsemmi kont fil-bank lokali jinghalaq;

In vista ta' dan kollu ma jistax jinghad li jirrizulta li r-rikorrenti Dottor Godwin Muscat Azzopardi qatt ma kellu jew seta jesercita kontroll fuq il-flejjes in kwestjoni. Inoltre Dr. Patrick Spiteri kkonferma li d-decizjoni li jiehdu x-xoghol tal-imsemmija fiducjarja kien haduha flimkien hu u r-rikorrenti Dottor Godwin Muscat Azzopardi. L-istess Dottor Spiteri kkonferma ukoll li r-rikorrenti Dottor Godwin Muscat Azzopardi kien jigi informat, almenu b'mod generiku, dwar il-varji transazzjonijiet li kienu jsiru ghar-rigward tal-imsemmija fiducjarja inkluz dawk it-transazzjonijiet li kienu jinvolvu l-kont in kwestjoni. Gie inoltre konfermat illi d-dokumentazzjoni ghar-rigward tal-imsemmija transazzjonijiet kienu jinzammu fl-ufficji tad-ditta legali u r-rikorrenti Dottor Muscat Azzopardi kellu kull access ghall-istess dokumentazzjoni;

Jirrziulta ukoll li d-ditta legali in kwestjoni ghamlet xi pagamenti lill-intimat Philips in konnessjoni mal-felejjes li kien hemm fil-kont imsemmi. Dan jidher li jistabilixxi xi tip ta relazzjoni guridika bejn l-istess ditta legali, s-socji tal-istess ditta u l-intimat Philips. Ir-rikorrenti stess jammettu li gie uzat il-clients' account tad-ditta legali ghar-rigward tal-flejjes in kwestjoni;

L-intimat Philips da parti tieghu kkonferma li l-fondi in kwestjoni jappartjienu lilu. Huwa kkonferma ukoll li meta gie infurmat li l-kapital tieghu gie trasferit f'kont bankarju ma bank malti huwa gie infurmat ukoll li wiehed mis-socji tad-ditta legali li issa kienet qed tikkontrolla dan il-kapital kien ex-imhallef cioe r-rikorrenti Dottor Godwin Muscat Azzopardi. L-intimat ikkonferma ukoll li wiehed mill-persuni inglizi imsemmijin aktar il-fuq kien minn zmien twil l-accountant ta' fiducja tieghu. Jidher li din il-persuna kienet u ghada tgawdi l-fiducja shiha tal-intimat, li kien afda l-kapital tieghu f'idejn l-istess persuna. Jista jigi rimarkat hawn li hu stramb li l-intimat ma ha ebda passi kontra l-imsemmi accountant tieghu, meta l-intimat stess jghid li l-kapital tieghu gie trasferit Malta minnghajr ma huwa kien jaf u ghalhekk minnghajr l-approvazzjoni u l-awtrorizzazzjoni tieghu;

Barra dan kollu tista tirrizulta ukoll xi responsabilita da parti tar-rikorrenti Dottor Godwin Muscat Azzopardi fil-konfront tal-intimat Philips u dana in vista tal-kontenut tal-iskrittura li permezz taghha giet kostitwita s-socjeta civili in kwestjoni kif ukoll in vista tal-artikoli tal-Kodici Civili li jirregolaw dan it-tip ta' socjetajiet. Ghandu jinghad ukoll f'dan ir-rigward li l-imsemmi ftehim li sar fil-31 ta' Jannar ta' din is-sena 2001, senz'altru jorbot il-partijiet li ffirmawh, pero' ghar-rigward ta' terzi dan l-istess ftehim ghandu jitqies bhala "res inter alios acta" u ghalhekk bl-ebda mod ma jeffettwa terzi. Id-drittijiet kollha tal-intimat Philips ghandhom jitqiesu li huma intakkati nonostante li sar l-imsemmi ftehim;

Ghar-rigward ta' sottomissjoniji ta' fatt li saret mir-rikorrenti ghandu jinghad li l-effikacja tal-att kawtelatorju in kwestjoni u l-effettivita' o meno tal-istess att huma irrilevanti u immaterjali fl-ambitu tal-presenti proceduri. L-istat ta' fatt li jirrizulta ghar-rigward ta' dawn is-sottomissjoni tar-rikorrenti zgur li ma jinkwadrawx ruhhom fil-provedimenti tal-imsemmi artikolu 836 li qed jigu invokati mir-rikorrenti. In effett hemm dubju kemm il-fatti (anki jekk ippruvati) kif sottomessi mir-rikorrenti jinkwadrawx ruhhom fil-provedimenti tal-istess artikolu 836 li qed jigu invokati mir-rikorrenti. Jidher li dawn il-provedimenti qed jghamlu referenza ghal-xi wahda mill-htigijiet tal-ligi ghall-hrug tal-att kawtelatorju li in effett kienet tesisti fil-hin tal-hrug tal-istess att liema kundizzjoni pero issa, wara l-istess ottjeniment tal-hrug, m'ghadiex tesisiti. Ma jidhirx li dan hu l-kaz f'dawn il-proceduri. Lanqas ma jista jinghad li jirrizulta sufficjentement pruvat illi mhux ragjonevoli li l-att in kwestjoni ghandu jinzamm fis-sehh. Jidher li anke hawnhekk dawn il-provedimenti jimplikaw li wara l-hrug tal-att in kwestjoni tbiddlet xi cirkostanza li b'hekk ic-cirkostanzi huma tali li l-att kawtelatorju in kwestjoni jimmerita li ma jibqax fis-sehh. F'dan il-kaz ma jirrizultax li tbiddlet xi cirkostanza. Il-fatti allegati mir-rikorrenti kollha jirreferu u kienu esistenti qabel ma nhareg l-att kawtelatorju in kwestjoni;

Jibqa li tigi esaminata l-posizzjoni tar-rikorrenti Marian Muscat Azzopardi. L-intimat ghamilha cara li l-istess rikorrenti Marian Muscat Azzopardi hi intimata fl-att kawtelatorju in kwestjoni semplicement peress li hija tigi mart Dottor Muscat Azzopardi u ghalhekk kompartecipi fil-komunjoni ta' l-akkwisti esistenti bejnha u bejn zewgha. Ghalhekk bl-ebda mod ma hu qed jigi allegat li l-istess rikorrenti Marian Muscat Azzopardi kienet b'xi mod involuta fil-fatti meritu ta' dawn il-proceduri. Peress li l-att in kwestjoni jista jolqot kontijiet bankarji li huma tal-komunjoni tal-akkwisti hu necesarju li r-rikorrenti Marian Muscat Azzopardi tigi involuta fil-proceduri relattivi. In effett dan l-involviment jista jkun ta' beneficcju ghall-istess rikorrenti Marian Muscat azzopardi. Ma jirrizulta xejn irregolari dwar il-posizzjoni tar-rikorrenti Marian Muscat Azzopardi fl-att kawtelatroju in kwestjoni;

In vista ta' dan kollu t-talba principali tar-rikorrenti ma tistax tigi akkolta;

Jibqa li tigi deciza t-tieni talba tar-rikorrenti u cioe li, a tenur ta' l-artiklu 838A tal-Kodici ta' Procedura u Organizzazzjoni Civili, jigi ordnat lill-intimat Philips li hu s-sekwestranti sabiex jaghti, fi zmien li jigi lilu stabbilit, garanzija xierqa ghall-hlas tal-penali u ta' danni u imghax li jistghu jigu eventwalment imposti;

L-imsemmi artikolu 838A jipprovdi testwalment: "*Il-qorti tista, meta tintwera kawza gusta ghal dan, malli ssirilha talba b'rikors mill-persuna li kontriha jkun inhareg att kawtelatorju, tordna lil dik il-parti li tkun talbet il-hrug ta' l-att kawtelatorju sabiex tghati fi zmien stabbilit mill-qorti garanzija xierqa ghall-hlas tal-penali li tista tigi imposta u ta' danni u imghax u fin-nuqqas li tnehhi l-att kawtelatorju*". Jigi rilevat li r-rikorrenti fl-ebda stadju ta' dawn il-proceduri ma ghamlu referenza ulterjuri ghal din it-tieni talba taghhom u fl-ebda hin ma pproducew provi sabiex jistabilixxu "kawza gusta" ghala din it-tieni talba ghandha tigi akkolta. Fic-cirkostanzi kollha partikolari tal-kaz u in vista tar-rizultanzi ma jistax jinghad li tirrizulta xi "kawza gusta" sabiex din it-tieni talba tigi akkolta. Jista jigi rilevat, f'dan ir-rigward, li in effett r-rikorrenti qed jissottomettu li l-att kawtelatorju in kwestjoni ma kienx effikaci u li l-kontijiet li gew effettwati mill-istess att kienu ftit u s-somom ukoll involuti ma tantx kienu kbar. In vista ta' dan kollu jista jinghad li mhux opportun li jigu applikati l-provedimenti tal-imsemmi artikolu invokat mir-rikorrenti ghar-rigward tat-tieni talba taghhom;

Ghal dawn il-motivi kollha:

Tiddeciedi billi tichad it-talbiet kollha tar-rikorrenti;

Spejjez kontra r-rikorrenti.